# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 51/2012/1AF**

**Edward Pavia**

**v.**

**Dr Joseph Ellis LL.D u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut illi permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Mejju 2012 ġew nominati bħala kuraturi deputati għal finijiet ta' dawn il-proċeduri sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tad-defunta Edmea Pace, bint missier mhux magħruf u Vincenza neé Suda, imwielda Sliema, kienet xebba u llum defunta**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Edward Pavia minn deċiżjoni finali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta'

Novembru, 2018, li permezz tagħha ċaħdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-17 ta' Jannar, 2012, l-attur fisser li permezz ta' konvenju ta' nhar id-19 ta' Settembru, 1987, Edmea Pace (illum mejta) kienet obbligat ruħha li taħt titlu ta' permuta tgħaddilu l-fond bin-numru 43, fi Triq l-Imsida, ġewwa l-Gżira u l-attur obbliga ruħu li jittrasferixxi lil Edmea Pace, l-appartament bin-numru disgħa (9), Bentley Court, fi Triq il-Fekruna, ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar u dan b'ekwiparazzjoni ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000), li kellhom jitħallsu minnu lill-istess Edmea Pace mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Dan il-konvenju kellu jibqa' validu sa żmien tliet (3) xhur mid-data tiegħu.

3. L-attur jgħid li Edmea Pace bdiet tirrifjuta li tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att finali u b'hekk huwa kellu jippreżenta ittra uffiċjali nhar is-16 ta' Diċembru, 1987, li permezz tagħha sejjaħ lil Pace sabiex tersaq għall-iffirmar tal-kuntratt. Il-konvenuta baqgħet inadempjenti u fit-30 ta' Diċembru, 1987 ippreżentat kawża kontrih li permezz tagħha talbet lill-qorti tiddikjara li l-imsemmi konvenju kien null u bla effett u konsegwentement tordna r-rexissjoni tiegħu.

4. Ikompli li huwa ma kellux triq oħra ħlief li jippreżenta kawża nhar it-18 ta' Jannar, 1998 li permezz tagħha talab, fost oħrajn, lill-qorti tikkundanna lill-konvenuta tersaq għall-kuntratt ta' permuta.

5. L-attur ifisser li l-kawża li Edmea Pace ressqet kontrih ġiet deċiża nhar il-31 ta' Ottubru, 1991 u l-Qorti filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet tiegħu ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-kawża li ppreżenta huwa kontra l-konvenuta ġiet deċiża nhar it-3 ta' Diċembru, 1993. Il-Qorti laqgħet it-talbiet tiegħu, ikkundannat lil Edmea Pace tersaq għall-kuntratt nhar is-17 ta' Jannar, 1994 u ħatret lin-Nutar Dr Angelo Vella sabiex jippubblika l-kuntratt u ħatret lill-Avukat Dr Rachel Bonello bħala kuratur biex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

6. L-attur ikompli li l-konvenuta ppreżentat appelli minn dawn iż-żewġ sentenzi b'dan illi l-appell li ppreżentat mill-kawża tagħha mar deżert nhar l-14 ta' Frar, 1994, filwaqt illi l-appell li ppreżentat mill-kawża li kien beda huwa mar deżert nhar is-26 ta' Diċembru, 1994.

7. Iżid li huwa baqa' jipprova jasal bil-kelma t-tajba ma' Edmea Pace iżda hija baqgħet ma tridx. Mhux hekk biss, talli nhar it-30 ta' Awwissu, 1999 hija ppreżentat kawża oħra kontrih fejn talbet lill-qorti tiddikjara li l-konvenju msemmi huwa null u bla effett, u talbet ukoll lill-qorti tiddikjara li

l-konvenju u s-sentenza mogħtija nhar it-3 ta' Diċembru, 1993 fl-ismijiet ***Edward Pavia v. Edmea Pace*** huma ineżegwibbli u inkapaċi ta' eżekuzzjoni u talbet id-danni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet din il-kawża nhar it-3 ta' Lulju, 2003 fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-ġudikat. Edmea Pace ressqet appell minn din id-deċiżjoni, liema appell ġie deċiż nhar it-3 ta' Novembru, 2006 mill-Qorti tal-Appell li bagħtet lura l-atti tal-kawża lill-Ewwel Qorti sabiex, fost affarijiet oħra, tisma' l-provi fuq l-eċċezzjoni tal-ġudikat. Billi waqt li kienet għaddejja l-kawża Edmea Pace mietet u ħadd ma aċċetta l-wirt tagħha, dik il-kawża ġiet differita *sine die* sakemm spiċċat deżerta.

8. L-attur jgħid li minħabba l-mewt ta' Edmea Pace huwa kellu jiftaħ proċeduri ġudizzjarji sabiex ikun jista' jeżegwixxi t-titoli eżekuttivi li kellu favurih. Il-kuntratt finali ta' permuta ġie ffirmat u ppubblikat nhar l-20 ta' Mejju, 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Isabelle Gonzi.

9. Jisħaq li bl-aġir abbużiv, illegali, kapriċċuż u temerarju ta' Edmea Pace huwa ġarrab danni kbar u semma lista sħiħa ta' fiex jikkonsistu dawn id-danni. Huwa jsostni li l-eredità ġjaċenti ta' Edmea Pace għandha tagħmel tajjeb għal dawn id-danni.

10. Minħabba f'hekk l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi bl-għemil tagħha, abbużiv, illegali, kapriċċuż u temerarju kollox kif deskritt f'dan ir-rikors maħluf, id-defunta Edmea Pace kkaġunat danni u għadhom qegħdin jiġu kkaġunati danni inġenti lill-esponenti u illi l-eredità tal-imsemmija defunta kif rappreżentata mill-konvenuti nomine f'din l-istanza għandha tagħmel tajjeb għal tali danni.*
*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti minħabba l-imsemmi aġir.*
*3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jħallsu s-somma hekk likwidata in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-preżenti u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.»*

11. Il-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut maħtura mill-Qorti sabiex jirrappreżentaw lill-eredità ġjaċenti tal-mejta Edmea Pace wieġbu fit-18 ta' Ġunju, 2012 b'risposta maħlufa li:

*«Huma, fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tad-defunta Edmea Pace, mhumiex preżentement edotti mill-fatti li taw lok għal dina l-kawza u għaldaqstant, jirriżervaw illi jdaħħlu eċċezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

12. B'sentenza finali mogħtija nhar it-28 ta' Novembru, 2018 l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż ibatihom l-istess attur. Ir-raġunijiet li waslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

*«Ikkunsidrat illi din hija azzjoni għad-danni abbażi ta' allegat abbuż ta' proċeduri ġudizzjarji. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur u d-defunta Edmea Pace kienu ffirmaw skrittura ossija konvenju fid-19 ta' Settembru 1987, li permezz tiegħu Edmea Pace obbligat ruħha li tittrasferixxi lill-attur il-proprjetà bin-numru 43, Msida Road, Gżira. Fuq l-istess skrittura, l-attur obbliga ruħu li in kontrokambju jittrasferixxi lil Edmea Pace l-appartament bin-numru 9, Bentley Court, Triq il-Fekruna, San Pawl il-Baħar, flimkien ma' pagament ta' elfejn lira Maltin bħala ekwiparazzjoni.*

*Edmea Pace rrifjutat li tersaq għall-att finali ta' bejgħ. Flimkien ma' żewġha, illum ukoll defunt, ippreżentat ċitazzjoni fit-30 ta' Diċembru 1987 fl-ismijiet* ***Edmea Pace mart Francis Pace kif ukoll l-istess Francis Pace bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu kif ukoll bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u bejn l-***

***imsemmija martu Edmea Pace, għan-nom u in rappreżentanza tal-istess*** *(1034/87 JSP) fejn ġie mitlub li l-Qorti (1) tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmi konvenju tad-19 ta' Settembru 1987 huwa null u mingħajr effett fil-liġi in kwantu li Francis Pace bħala leġittimu amministratur tal-beni parafernali ta' martu kif ukoll bħala l-kap tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u bejn martu ma kienx parti fuq il-konvenju, kif ukoll in kwantu li fl-istess konvenju ma ġiex dikjarat mill-partijiet il-valuri tal-proprjetajiet in kwistjoni kif trid il-liġi u (2) fin-nuqqas tirrexxindi l-iskrittura ossia konvenju u dan peress illi l-kunsens tal-attriċi kien ivvizzjat bi żball ta' fatt u ta' liġi, kif ukoll b'għemil doluż ipprattikat fuqha mill-konvenut, illum attur.*

*Permezz ta' deċiżjoni datata 31 ta' Ottubru 1991, din il-Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Edward Pavia, u konsegwentment, ċaħdet it-talbiet ta' Edmea Pace u żewġha bl-ispejjeż. Minkejja li l-konjuġi Pace intavolaw appell minn din id-deċiżjoni, dan l-appell ġie dikjarat deżert fil-25 ta' Novembru 1992.*

*Peress illi Edmea Pace naqset milli tersaq għall-att finali ta' bejgħ, l-attur kien kostrett jippreżenta ċitazzjoni fit-18 ta' Jannar 1988 fl-ismijiet* ***Edward Pavia v. Edmea Pace (55/1988 FGC)*** *fejn talab lill-Qorti: (1) tikkundanna lil Edmea Pace sabiex taddivjeni għall-kuntratt finali ta' permuta; u (2) tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess kuntratt.*

*Permezz ta' sentenza mogħtija fit-3 ta' Diċembru 1993, din il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur u konsegwentement, ikkundannat lil Edmea Pace sabiex tittrasferixxi b'titolu ta' permuta lill-attur il-fond bin-numru 43, Msida Road, Gżira, skont il-konvenju tad-19 ta' Settembru 1987 u nnominat lin-Nutar Dottor Angelo Vella sabiex jippubblika l-kuntratt nhar it-Tnejn 17 ta' Jannar, 1994 u lill-Avukat Dottor Rachel Spiteri Bonello bħala kuratur biex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.*

*Edmea Pace intavolat appell minn din id-deċiżjoni iżda l-appell tagħha mar deżert nhar is-26 ta' Diċembru 1994. Madankollu, u minkejja li d-deċiżjoni ta' din il-Qorti tat-3 ta' Diċembru 1993 saret ġudikat, il-kuntratt ta' permuta ordnat mill-Qorti baqa' ma sarx.*

*Imbagħad, permezz ta' ċitazzjoni ppreżentata kontra l-attur nhar it-30 ta' Awwissu 1999 fl-ismijiet* ***Edmea Pace v. Edward Pavia*** *(1915/1999 JRM), Edmea Pace talbet lill-Qorti: (1) tiddikjara li l-iskrittura tad-19 ta' Settembru 1987 hija nulla u mingħajr effett fil-liġi in kwantu li l-kunsens tagħha kien ivvizzjat b'qerq, frodi u żball ta' fatt u in kwantu l-obbligazzjoni nnifisha kellha bħala oġġett konsiderazzjoni falza u kwindi, tirrexxindi l-istess skrittura għall-effetti kollha tal-liġi; (2) tiddikjara li fi kwalunkwe każ il-konvenju inkwistjoni kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tat-3 ta' Diċembru 1993 fl-ismijiet* ***Edward Pavia v. Edmea Pace*** *hija ineżegwibbli u inkapaċi ta' eżekuzzjoni minħabba raġunijiet imputabbli esklussivament lill-Edward Pavia; u (3) tiddikjara lill-istess Edward Pavia*

*responsabbli għad-danni, tillikwida l-istess danni u tikkundanna lil Edward Pavia jħallas is-somma hekk likwidata. Fiċ-ċitazzjoni tagħha Edmea Pace allegat li saret taf li l-appartament bin-numru 9, Bentley Court, Triq il-Fekruna, San Pawl il-Baħar, li kellu jiġi trasferit lilha skont il-konvenju tad-19 ta' Settembru 1987, fil-fatt ma jeżistix għaliex il-blokk inkwistjoni jikkonsisti f'seba' appartamenti biss li huma kollha mibjugħa u/jew okkupati minn terzi.*

*Permezz ta' deċiżjoni datata 3 ta' Lulju 2003, din il-Qorti laqgħet l-ewwel u tieni eċċezzjonijiet ta' Edward Pavia u ċjoè li: (1) it-talbiet attriċi huma nulli u mingħajr effett stante li huma irriti u legalment insostenibbli għaliex qiegħed jintalab sanzjoni ta' sentenza ta' din il-Qorti meta l-liġi tagħna tipprovdi r-rimedji tal-appell u ritrattazzjoni sabiex tiġi attakkata sentenza; u (2) li t-talbiet attriċi huma milquta bil-ġudikat. Konsegwentement, il-Qorti ċaħdet it-talbiet ta' Edmea Pace.*

*Edmea Pace appellat minn din id-deċiżjoni. Permezz ta' sentenza datata 3 ta' Novembru 2006, il-Qorti tal-Appell sabet li din il-Qorti kienet 'għaġġlet wisq' meta laqgħet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta' Edward Pavia in kwantu li:*

*- Id-deċiżjoni dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ingħatat qabel ma l-partijiet kellhom l-opportunità jressqu l-provi tagħhom; u*
*- Ma ġewx allegati l-atti taż-żewġ kawżi preċedenti bejn il-partijiet u lanqas almenu s-sentenzi mogħtija minn din il-Qorti.*

*Il-Qorti tal-Appell għalhekk qiegħdet il-partijiet fl-istat li kienu minnufih qabel il-kawża ġiet imħollija għas-sentenza. Konsegwentement, ordnat li l-atti jiġu rinvijati lil din il-Qorti sabiex tkompli tisma' l-każ skont il-liġi u fid-dawl ta' dak deċiż fis-sentenza.*

*Edmea Pace mietet fit-2 ta' Lulju 2007 waqt li kienet qiegħda tinstema' l-kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. Peress illi l-eredi rrinunzjaw għall-wirt tagħha, il-kawża ġiet differita sine die u sussegwentement dikjarata deżerta.*

*Peress illi kienu għaddew aktar minn għaxar snin minn meta ngħatat id-deċiżjoni tal-Qorti li ordnat illi jsir il-kuntratt definittiv ta' permuta, Edward Pavia istitwixxa proċeduri kontra l-eredità ġjaċjenti ta' Edmea Pace sabiex jesegwixxi s-sentenza mogħtija minn din l-Qorti nhar it-3 ta' Diċembru 1993 fl-ismijiet* ***Edward Pavia v. Edmea Pace (55/1988 FGC****) ai termini tal-artikoli 258 u 259 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Fuq talba tal-kuratur deputat l-Avukat Dottor Patrick Valentino, il-Qorti nnominat lill-Perit Robert Musumeci bħala perit tekniku sabiex jirrelata dwar l-appartament 9, Bentley Court, Triq il-Fekruna, Xemxija, San Pawl il-Baħar. Filwaqt illi l-perit tekniku sab illi l-permessi maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ma kinux jirriflettu dak li attwalment jinsab mibni fuq il-post, huwa kkonkluda li l-konfini tal-appartament bin-numru 9 ma*

*nbidlux minn dakinhar tad-19 ta' Settembru 1987.*

*Għalhekk, permezz ta' deċiżjoni datata 24 ta' Jannar 2011, il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur u awtorizzatu jeżegwixxi s-sentenza tat-3 ta' Diċembru 1993. Il-kuntratt finali ta' permuta sar nhar l-20 ta' Mejju 2011 fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi. L-Avukat Dottor Rachel Bonello dehret bħala kuratriċi sabiex tirrappreżenta l-eredità ġjaċenti ta' Edmea Pace.*

*L-attur istitwixxa wkoll proċeduri kontra l-eredità ġjaċenti ta' Edmea Pace sabiex jeżegwixxi t-taxxi uffiċjali tat-tliet kawżi msemmija li kellu ma' Edmea Pace. Din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-talbiet tal-attur permezz ta' deċiżjoni datata 25 ta' Frar 2010.*

*Id-danni li qiegħed jitlob l-attur permezz ta' din il-kawża huma s-segwenti:*

- i. *Spejjeż u drittijiet extra ġudizzjarji in konnessjoni mal-proċeduri kollha msemmija;*
- ii. *Taxxa fuq il-valur miżjud fuq dawn l-ammonti;*
- iii. *Spejjeż u drittijiet imħallsa lill-kuraturi deputati maħtura mill-Qorti sabiex jirrappreżentaw lill-eredità ġjaċenti ta' Edmea Pace fil-proċeduri kollha msemmija;*
- iv. *Kontijiet tad-dawl u ilma pendenti tal-appartament bin-numru 9, Bentley Court, Triq il-Fekruna, San Pawl il-Baħar u tal-fond 43, Triq l-Imsida, Ġżira;*
- v. *Spejjeż u drittijiet imħallsa lin-Nutar Isabelle Gonzi sabiex ippubblikat il-kuntratt finali ta' permuta u l-att ta' dikjarazzjoni 'causa mortis' ta' Edmea Pace;*
- vi. *Bolla u mgħax imħallas fuq l-att ta' dikjarazzjoni 'causa mortis' ta' Edmea Pace;*
- vii. *Spejjeż u drittijiet imħallsa lill-Avukat Rachel Bonello maħtura bħala kuratriċi sabiex tirrappreżenta lill-eredità ġjaċenti ta' Edmea Pace fuq l-att finali ta' permuta;*
- viii. *Drittijiet imħallsa lill-Avukat Dottor Errol Cutajar li deher fuq il-kuntratt finali ta' permuta għan-nom ta' Marian Lucy sive Marianne Pavia, mart l-attur, minnu legalment separata, sabiex jagħti l-kunsens tiegħu għall-kanċellament totali tan-nota ta' ipoteka iskrittra fir-Reġistru Pubbliku favur l-istess Marian Lucy sive Marianne Pavia kontra żewġha Edward Pavia;*
- ix. *Drittijiet imħallsa lill-Avukat Dottor William Cuschieri li deher fuq il-kuntratt finali ta' permuta għan-nom ta' Deramm Limited sabiex jagħti l-kunsens tiegħu għar-riduzzjoni tan-nota ta' ipoteka iskritta fir-Reġistru Pubbliku favur l-imsemmija kumpanija u kontra Edward Pavia.*

*Skont l-**artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili**, kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu. L-artikolu sussegwenti imbagħad jistabbilixxi li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

*......*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, l-attur naqas milli jikkonvinċi lill-Qorti li huwa sofra danni minħabba dolo, mala fede jew abbuż ta' proċeduri da parti ta' Edmea Pace.*

*Sa dakinhar li saru ġudikat l-ewwel żewġ sentenzi ta' din il-Qorti, ma kien hemm xejn ċensurabbli fl-aġir ta' Edmea Pace. Il-fatt illi hija tilfet dawn il-kawżi mhuwiex biżżejjed sabiex il-Qorti ssib illi hija kienet qiegħda b'xi mod tabbuża mill-proċess ġudizzjarju. Kif rajna, huwa paċifiku illi jekk kemm-il darba kawża ma tirnexxix għal min ikun qiegħed jagħmilha, dan ma jfissirx illi din il-persuna għandha titqies responsabbli għar-riżarciment ta' danni fil-konfront ta' min ikun rebaħha meta tkun saret in buona fede.*

*Imbagħad, it-tielet kawża li hija fetħet kontra l-attur kienet ibbażata fuq kawżali differenti, tant illi l-Qorti tal-Appell ma kinitx komda tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li t-talbiet ta' Edmea Pace f'dik il-kawża kienu milquta bil-ġudikat. Din il-Qorti tqis għalhekk illi ma ġiex muri li kien hemm xi vessatorjetà fit-talbiet ta' Edmea Pace.*

*It-talbiet tal-attur huma msejsa fuq allegat aġir abbużiv, illegali, kappriċċuż u temerarju ta' Edmea Pace imma wara kollox, kien l-attur li naqas milli jeżegwixxi s-sentenza ta' din il-Qorti wara li l-appell ta' Edmea Pace mar deżert fis-26 ta' Diċembru 1994. Għal raġunijiet li jafhom huwa biss, l-attur baqa' jistenna sakemm Edmea Pace intavolat kawża oħra u kien biss wara li ġiet nieqsa li ħa passi sabiex jeżegwixxi s-sentenza tal-Qorti li kellu favur tiegħu biex isir l-att finali ta' permuta. Kwindi, l-ispejjeż kollha li kellu jagħmel sabiex ġiet eżegwita din is-sentenza wara l-mewt ta' Edmea Pace kienu unikament tort tiegħu.*

*Kieku s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Edward Pavia v. Edmea Pace*** *tat-3 ta' Diċembru 1993 ġiet eżegwita f'waqtha, ċertament li l-attur ma kienx jidħol fl-ispejjeż kollha li kellu jagħmel minħabba li kienet laħqet ġiet nieqsa Edmea Pace. L-attur ma kellux għalfejn jistenna ħames snin sakemm Edmea Pace fetħitlu kawża oħra. Kull persuna għandha l-obbligu li tillimita bil-mezzi raġonevoli possibbli d-danni li tkun esposta għalihom minħabba l-aġir ta' ħaddieħor. F'dan il-każ, kien jispetta lill-attur li ma jħallix dak iż-żmien kollu jgħaddi qabel jesegwixxi s-sentenza tal-Qorti.»*

13. L-attur Edward Pavia appella minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fil-11 ta' Diċembru, 2018, bl-aggravji jkunu: (i) apprezzament u konsiderazzjonijiet ħżiena tal-provi; u (ii) bħala konsegwenza li l-ewwel

aggravju jintlaqa', l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talbiet tiegħu għal-likwidazzjoni tad-danni u tikkundanna lill-eredità ġjaċenti tal-mejta Edmea Pace tħallas id-danni likwidati. Huwa qiegħed jitlob l-ammont ta' €33,649.60 u magħdud ma' dan, somma oħra li għandha tiġi likwidata *arbitrio boni viri* minn din il-Qorti li tirrappreżenta t-telf ta' użu tal-fond li huwa kellu jikseb fis-sena 1987 u li ġie trasferit lilu biss fis-sena 2011. Jgħid li l-kera ta' fond bħal dan hija ta' madwar €3,000 fis-sena u għalhekk ladarba huwa ġie mċaħħad minnu għal 24 sena, din il-Qorti għandha tillikwida wkoll is-somma ta' €72,000.

14. Il-kuraturi deputati l-Avukat Dr Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut wieġbu fl-4 ta' Frar, 2019, fejn qabelxejn eċċepew għall-ewwel darba li l-azzjoni attriċi hija preskritta abbażi tal-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili** u komplew billi taw ir-raġunijiet tagħhom għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

15. Inżamm smigħ fil-5 ta' Ottubru, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. Illi din hija kawża għad-danni abbażi ta' allegat abbuż ta' proċeduri ġudizzjarji.

17. L-azzjoni preżenti hija bbażata fuq l-**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili**, li jistabbilixxi li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Kif ġie kostantement imtenni minn din il-Qorti, min ikun rebbieħ f'kawża jkollu dritt jitlob id-danni mill-parti l-oħra, meta jkunu msejsa, mhux fuq is-sempliċi fatt tal-kontestazzjoni, imma fuq att doluż jew kolpuż ta' dik il-parti, li b'malizzja jew negliġenza gravi tkun ikkaġunatlu danni billi daħħlitu f'kawża. Dan ma jfissirx li kull min jitlef kawża għandu wkoll iwieġeb għad-danni, għaliex min jeżerċita dritt tiegħu mhux responsabbli għad-danni li jistgħu jiġru, sakemm il-pretensjoni tiegħu ma tkunx arbitrarja jew kapriċċuża (ara **Kollez. Vol. XXVIII-I-288-296; Vol. V, 222; Vol VII,1; Vol XII, 434; Vol. XXVII – 1-72;** u Appell 7 ta' Diċembru 1931 *in re* ***Barbara v. Fleri*** u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta' Novembru, 1954 fil-kawża fl-ismijiet ***Andrea Farrugia v. Giuseppe Sammut***) (**L-Alfabett tal-Kodiċi Ċivili per Imħallef Emeritus Dr Philip Sciberras – Volum A – Abbuż ta' Dritt).**

18. Hu ċar ukoll illi d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti hu fost l-aqwa drittijiet, li fl-eżerċizzju tiegħu ċ-ċittadin bl-ebda mod ma għandu jiġi mxekkel. Jinkombi fuq iċ-ċittadin però d-dover li ma jabbużax minn dan id-dritt u jekk jabbuża jkun ritenut responsabbli għad-danni provokati b'tali abbuż. Mill-banda l-oħra hu ċar ukoll illi l-fatt li t-talba ta' min ikun ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser

neċessarjament li sar abbuż tad-dritt li tiġi adita l-Qorti. Hu biss f'każ eċċezzjonali li dan ikun il-każ. Dan għaliex hu magħruf illi għalkemm il-liġi hi oġġettivament waħda għal kulħadd, fl-istess ħin hi spiss tagħti lok għall-interpretazzjonijiet vari u soġġettivi li l-partijiet u s-soċjetà jafdaw f'idejn il-ġudikant biex jiddetermina u japplika (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-12 ta' Settembru, 2008 fil-kawża fl-ismijiet ***John Debono v. Gianna Cauchi et****).*

19. Illi l-appellant qiegħed jitlob danni konsegwenza tal-imġiba proċesswali min-naħa ta' Edmea Pace. Ġie mtenni fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet ***John Debono v. Gianna Cauchi et*** li: *«Biex jirnexxi f'din l-azzjoni tiegħu l-appellanti ħtieġlu jipprova t-temerarjetà tal-pretensjoni tal-konvenuti f'dik il-kawża l-oħra. Mhux biżżejjed li jipprova li l-konvenuti kienu sokkombenti iżda, fundamentalment, għar-rilevanza tal-karattru temerarju tal-lite, presuppost dan dejjem neċessarju għall-kundanna għar-riżarċiment tad-danni, illi fil-konvenuti kienet teżisti l-kuxjenza ta' l-infondatezza tal-pretensjoni tagħhom jew, almenu, li huma naqsu li bl-użu tad-diliġenza, anke minimali, jakkwistaw tali kuxjenza.«* Dik il-Qorti kompliet tfisser:

> *«Fuq din il-materja l-ġurisprudenza tagħna toffri l-assistenza tagħha b'dan il-mod. Jinsab affermat fis-sentenza fl-ismijiet "****Giuseppe Falzon -vs- Carmelo Laferla****", Prim'Awla, Qorti Ċivili, 15 ta' Mejju, 1931 illi "perché l'azione per i danni possa dirsi giuridicamente fondata, è necessario che, indipendentemente dalla soccombenza, sia dimostrato, e provato, concludentemente che il contendente abbia danneggiato la parte avversa con un suo trasmodarsi nell'esercizio di un preteso suo*

*diritto. Non è in colpa chi credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca";*

*Evidentement din id-deċiżjoni ħadet spunt mir-riflessjonijiet magħmula fis-sentenza gwida in re: "**Maria Giuseppe Mugliett et -vs- Avvocato Dr. Giorgio Bezzina**", Appell Ċivili, 26 ta' Jannar 1926. Fiha, b'osservazzjoni tal-**Artikoli 1031** u **1032 tal-Kodiċi Ċivili**, issokta jiġi kummentat dan: "non si sanziona il principio che la soccombenza nel giudizio tragga necessariamente seco la conseguenza del dovere del risarcimento; sarebbe rendere gravoso e difficile al cittadino ricorrere all'autorità giudiziario se si punisse la meno retta e talvolta dibattuto interpretazione dei propri diritti …";*

*L-istess Qrati ma naqsux, imbagħad, milli jikkunsidraw f'azzjoni bħal dik hawn ikkontemplata r-rikorrenza tad-dolo jew tal-kolpa gravi fil-kondotta proċesswali tal-kontendenti li fil-konfront tiegħu tkun eżerċitata l-azzjoni. Hekk ġie ritenut dan fid-deċiżjoni fl-ismijiet "**Negte. Carmelo Delia - vs- Giovanni Xuereb**", Appell Ċivili, 9 ta' Mejju, 1932: "Venne da questa Corte costantemente ritenuto che il vincitore in una causa può esigere danni dal suo contraddittore quando siano fondati, non nel mero fatto del contendere ma un atto doloso o colposo del contradittore, il quale o per malizia o per grave negligenza gli abbia cagionato dei danni, trascinandolo in giudizio (vedi Appello in re: "**Barbara -vs- Fleri**", 7 Dicembre 1931). In quella decisione si ritenne che la definittiva soccombenza dell'opponente non fa si che egli debba necessariamente rispondere dei danni perché chi fa uso di un suo diritto non è responsabile dei danni che ne derivano a meno che la pretensione non fosse arbitraria o capricciosa (vedi Collezione Volume XII pagina 434; Volume V pagina 222 e Volume VII pagina 1).»*

20. Illi qabel ma' din il-Qorti tgħaddi biex tqis l-aggravji tal-appellant, ikun opportun li tirreferi għalll-eċċezzjoni mqajma għall-ewwel darba mill-kuraturi deputati appellati fit-tweġiba tagħhom għar-rikors tal-appell, ċjoè li l-azzjoni tal-appellant hija preskritta abbażi tal-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili**, ġaladarba jsostnu li mkien ma ssemma xi aġir kriminali min-naħa ta' Edmea Pace u li t-terminu ta' sentejn telaq minn dakinhar li l-appellant seta' jibda l-azzjoni u ċjoè sa mill-anqas mis-sena 1994 meta t-tieni appell ġie deżert.

21. M'hemmx dubju illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata anke fl-istadju tal-appell (ara **Artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili**).

22. L-appellant saħaq waqt it-trattazzjoni li din l-eċċezzjoni ma tistax treġi billi d-data meta spiċċaw id-danni kienet meta ġie eżegwit il-konvenju u ppubblikat il-kuntratt pubbliku.

23. Illi din il-Qorti jidhrilha li hemm xkiel ieħor sabiex tqis din l-eċċezzjoni. Fit-tweġiba tagħhom il-kuraturi deputati talbu lil din il-Qorti *«..illi l-aggravji tal-appellant għandhom jiġu miċħuda kollha u li s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha bl-ispejjeż kontra l-appellant.»*

24. Meta l-kuraturi deputati eċċepew għall-ewwel darba li l-azzjoni attriċi kienet preskritta fit-tweġiba tagħhom, f'każ li l-eċċezzjoni kellha tintlaqa', kien ikun ifisser li s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet se tiġi riformata. Huma però talbu l-konferma tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha. B'hekk huma ma setgħux iqajmu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fit-tweġiba tagħhom b'dan il-mod, għaliex ħolqu kontradittorjetà bejn dak li talbu ma' dak li eċċepew. Jista' jitqies ukoll li ġaladarba fuq naħa eċċepew il-preskrizzjoni tal-azzjoni u fuq in-naħa l-oħra talbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha, l-istess kuraturi deputati f'nifs wieħed irrinunzjaw għall-

istess eċċezzjoni. Fuq kollox, jekk il-kuraturi deputati riedu jqajmu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni huma messhom għamlu appell prinċipali jew inċidentali. Dan iżda m'għamluhx u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tqis aktar din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ladarba mhuwiex permess li aggravji jitressqu fir-risposta tal-appell.

25. Imwarrab dan il-punt, imiss issa li ngħaddu għall-aggravji mressqa mill-appellant.

26. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-apprezzament ħażin tal-provi li twettaq mill-Ewwel Qorti.

27. Qabelxejn jingħad li din il-Qorti ilha li warrbet il-pożizzjoni iebsa meħuda f'bosta deċiżjonijiet u l-ġurisprudenza ta' dawn l-aħħar snin ta' din il-Qorti, hija fis-sens li din il-Qorti tgawdi minn awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa li tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom il-Qorti tal-ewwel grad (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Marzu, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Curmi v Saviour sive Sammy Spiteri et***, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija). Huwa wkoll mifhum li huwa fid-dmir ta' din il-Qorti li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat u li jista' jibdel il-ġudizzju magħmul, u dan lil hemm mill-gravità tal-iżball (ara wkoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Diċembru, 2018 fil-kawża fl-ismijiet ***Dr.***

***Antoinette Cutajar v. L-Onorevoli Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***; u dik aktar reċenti mogħtija fil-15 ta' Novembru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine v. Id-Direttur tal-Psikjatrija fl-Isptar Monte Carmeli et***).

28. L-appellant ifisser li l-Ewwel Qorti għamlet bosta riljevi ħżiena:

(i) meta qalet li t-tielet kawża li Edmea Pace fetħet kontra l-attur kienet ibbażata fuq kawżali differenti tant li l-Qorti tal-Appell ma kinitx komda tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, fis-sens li t-talbiet ta' Edmea Pace f'dik il-kawża kienu milquta bil-ġudikat. B'hekk il-Qorti qieset li ma ġiex muri li kien hemm xi vessatorjetà fit-talbiet ta' Pace. Jgħid li l-Ewwel Qorti kellha tqis li dik kienet it-tieni kawża li Pace kienet ippreżentat, li fiha talbet li l-konvenju li hija ffirmat jiġi dikjarat null u bla effett. Tant huwa hekk li l-ewwel kawża li hija fetħet kienet ġiet miċħuda u l-appell ippreżentat minnha kien ġie dikjarat deżert. Ikompli li l-Ewwel Qorti kellha tqis ukoll li din it-tieni kawża ġiet ippreżentata wara li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet ikkundannat lil Pace sabiex tersaq għall-kuntratt, liema sentenza ġiet appellata minn Pace u l-appell tagħha ġie wkoll dikjarat deżert. Barra minn hekk isostni li l-kawżali fiż-żewġ kawżi kienu l-istess, kuntrarjament għal dak li qalet l-Ewwel Qorti. Ir-riżultat aħħari ta' Edmea Pace kien li twaqqa' l-konvenju u l-ewwel kawża li nqatgħet kontriha li kienet waħda finali u b'hekk hija kienet qiegħda timxi bi

ksur tal-prinċipju li s-sentenza kienet ġudikat. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Novembru, 2006 (Ċitazzjoni Numru: 1915/1999/JRM) bagħtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti mhux għar-raġunijiet imsemmija mill-Ewwel Qorti iżda għaliex intlaqgħu l-eċċezzjonijiet preliminari mingħajr ma kienu tressqu provi u kien għalhekk illi l-atti ntbagħtu lura.

(ii) L-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta tat tort lilu meta qalet li huwa naqas li jeżegwixxi s-sentenza tal-Qorti, wara li l-appell ta' Edmea Pace mar deżert fis-26 ta' Diċembru, 1994. Jgħid li l-Ewwel Qorti naqset għalkollox milli tqis il-fatt li Edmea Pace ħalliet żewġ appelli jmorru deżerti li fiha nfisha hija *colpa* proċedurali. Ikompli jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti naqset tqis li minkejja l-fatt li l-appell mar deżert, Edmea Pace baqgħet tippreżenta rikors wara rikors quddiem il-Qorti tal-Appell biex l-appell li hija ppreżentat jiġi appuntat għat-trattazzjoni. Tant huwa hekk li l-Qorti tal-Appell tat digriet dettaljat nhar l-14 ta' Frar, 1994 fejn wara li kkonfermat li l-appell ippreżentat minn Edmea Pace kien ilu li mar deżert, ċaħdet it-talbiet tagħha fir-rikorsi li kienet ippreżentat. Ma waqfitx hemm. Reġgħet ippreżentat rikors ieħor nhar id-19 ta' Jannar, 1996 u żewġ noti, waħda nhar is-17 ta' Novembru, 1997 u oħra fil-11 ta' Diċembru, 1997 u l-Qorti tal-Appell tat digriet ieħor nhar il-5 ta' Mejju, 1999 fejn tenniet li l-appell li kien ilu li mar deżert. B'żieda ma' dan, ftit xhur wara nhar it-30 ta' Awwissu, 1999 Edmea Pace ppreżentat il-kawża bin-

numru 1915/1999/JRM fil-kawża fl-ismijiet ***Edmea Pace v. Edward Pavia***. Jgħid għalhekk li kienu għaddew biss ftit xhur bejn meta Edmea Pace waqfet tillitiga quddiem il-Qorti tal-Appell sakemm ġiet ippreżentata t-tieni kawża. Għalhekk jisħaq li huwa ma jistax jitqies li kellu xi ħtija jekk baqa' jipprova jasal bil-kelma t-tajba ma' Edmea Pace u ma jeżegwix is-sentenza sakemm kien hemm proċeduri ġudizzjarji pendenti.

(iii) Ikompli li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta qalet li huwa stenna biex jeżegwixxi s-sentenza sakemm ġiet nieqsa Pace. Lanqas qieset li Edmea Pace xekklet l-eżekuzzjoni tal-permuta sad-data tal-mewt tagħha bl-azzjonijiet tagħha. Jgħid li mhux minnu li huwa ħalla ħames snin jgħaddu għaliex l-imġieba abbużiva u temerarja ta' Edmea Pace quddiem il-Qorti tal-Appell baqgħet għaddejja sa ftit xhur qabel ma ppreżentat it-tieni kawża. Jgħid li huwa ma seta' jagħmel xejn biex inaqqas id-danni. Iżid illi li kieku talab l-eżekuzzjoni tas-sentenza minkejja l-proċeduri ġudizzjarji kienet se tibqalgħu problema tal-iżgumbrament ta' Edmea Pace mill-fond li hija kellha tgħaddilu bil-permuta billi l-fond kien ir-residenza tagħha.

(iv) Jgħid li Edmea Pace żammitu maqbud fi proċeduri ġudizzjarji għal aktar minn tletin sena. Hija kisbet li riedet, ċjoè li tibqa' tgħix fid-dar tagħha sa mewtha, filwaqt li huwa kellu appartament ġewwa x-Xemxija li ma setax jużah jew ibiegħu jew jinnegozjah mod ieħor

għaliex kien marbut bis-sentenza kontra Edmea Pace biex hija tittrasferilu l-proprjetà tagħha. B'dan l-aġir isostni li ġarrab danni kbar.

29. Illi l-Ewwel Qorti għamlet kronoloġija pjuttost dettaljata tal-fatti li wasslu għall-proċeduri odjerni, u għaldaqstant a skans ta' ripetizzjoni qiegħda ssir referenza għall-istess billi diġà ġiet riprodotta aktar 'il fuq.

30. Illi meta din il-Qorti tagħsar l-ilmenti tal-appellant tqis li l-appellant qiegħed ifettaq għalxejn. L-Ewwel Qorti tidher li fehmet sew x'kienet l-azzjoni u għarblet l-imġiba ta' Edmea Pace. M'hemmx dubju li Pace kienet persistenti fit-talba tagħha li l-konvenju jiġi dikjarat null. Mhux kontestat li l-appellant rebaħ il-kawża li ppreżenta huwa sabiex Edmea Pace tiġi ordnata tersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Appellat kif kien dritt tagħha u l-appell mar deżert. Huwa minnu wkoll li hija baqgħet tippreżenta r-rikorsi biex tkun tista' tressaq is-sottomissjonijiet tagħha u li dawn ġew miċħuda. Wara ftit xhur hija ppreżentat kawża oħra kif rajna, li l-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti billi sabet li qabel ma tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari, fosthom l-eċċezzjoni li kien hemm ġudikat, kien jeħtieġ li l-Qorti jkollha l-provi quddiema. Fil-mori Edmea Pace mietet.

31. Jgħid x'jgħid l-appellant, kif qalu tajjeb il-kuraturi deputati fit-tweġiba tagħhom, ma jirriżultax li xi Qorti, li kellha quddiemha proċeduri

miftuħa minn Edmea Pace, sabet li xi att imressaq minn Pace jew l-avukat tagħha kien fieragħ jew vessatorju jew li ppruvat ittawwal il-proċeduri.

32. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti u kif inhu magħruf fil-ġurisprudenza, il-fatt li Edmea Pace tilfet il-kawżi ppreżentati minnha u appellat minnhom u baqgħet tippersisti ma jfissirx b'mod awtomatiku li hija abbużat mill-proċeduri ġudizzjarji. L-appellant jirreferi għat-tieni kawża ppreżentata minn Edmea Pace u jisħaq li din kellha l-istess kawżali tal-ewwel kawża li hija kienet ippreżentat u tilfet snin qabel, fejn l-għan aħħari kien li l-iskrittura privata tad-19 ta' Settembru, 1987 tiġi dikjarata nulla u mingħajr effett fil-liġi minħabba vizzju ta' kunsens u jiġi rexiss u talbet lill-Qorti tiddikjara li anke s-sentenza tat-3 ta' Diċembru, 1993, fl-ismijiet ***Edward Pavia v. Edmea Pace*** (Ċitazzjoni Numru 55/88/FGC), huma inezegwibbli u inkapaċi ta' eżekuzzjoni. Ma jistax ma jiġix innutat li hemm xebħ bejn iż-żewġ kawżi.

33. Madankollu, għalkemm l-appellant jirrepeti b'mod kontinwu t-temerarjetà ta' Edmea Pace, il-prova tat-temerarjetà tal-pretensjoni tal-konvenuta fil-kawża l-oħra kienet taqa' fuqu, u biex tirnexxi t-talba tiegħu għad-danni minħabba dik ir-raġuni hu ħtieġlu jipprova li l-konvenuta aġixxiet b'rieda ħażina. Hekk, kif jinżel minn ġurisprudenza konkordi, filwaqt li hu ammess illi: *«è lecito al vincitore in una lite di esigere dal soccombente i danni»,* dan huwa hekk konċess, *«nella sola ipotesi*

*quando il vincitore stesso è in grado di stabilire che il soccombente abbia litigato dolosamente per malizia o colposamente per grave negligenza»* (***Negte. Carmelo Delia v. Giovanni Xuereb***, Appell Ċivili, 9 ta' Mejju, 1932). Ġa infatti ngħad qabel din illi: *«colui che in buona fede credendosi in diritto prende i passi opportuni ai termini di legge contro un altro non è passibile di danni che questo ultimo viene in conseguenza a soffrire anche si vi rimane soccombente»* (***Barbara v. Fleri proprio et nomine***, Qorti tal-Kummerċ, 20 ta' Frar, 1931, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 1931).

34. L-appellant ma rnexxielux jipprova li Edmea Pace mxiet b'rieda ħażina.

35. Fuq kollox, kif qieset l-Ewwel Qorti, l-appellant seta' jeżegwixxi s-sentenza tal-proċeduri li fetaħ huwa kontra Edmea Pace, li permezz tagħha ġie ordnat li jiġi ppubblikat il-kuntratt ta' permuta li ġiet deċiża b'sentenza mogħtija nhar it-3 ta' Diċembru, 1993. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħatret lin-Nutar Dr Angelo Vella sabiex jippubblika l-att nhar is-17 ta' Jannar, 1994 u lil Dr Rachel Bonello bħala kuratur sabiex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi. Edmea Pace ppreżentat appell minn din is-sentenza, liema appell mar deżert nhar is-26 ta' Diċembru, 1994. Mhux hekk biss, anke l-appell li hija kienet ippreżentat fil-proċeduri fejn hija kienet l-attriċi u ġiet deċiża kontra tagħha mar deżert nhar l-14 ta' Frar,

1994.

36. Għalhekk, meta l-appell li Pace kienet ippreżentat mill-kawża fl-ismijiet ***Edward Pavia v. Edmea Pace*** (ċjoè, il-kawża fejn Pace ġiet ordnat tersaq għall-kuntratt) mar deżert ma kienx hemm aktar proċeduri pendenti bejn il-partijiet. L-appellant messu mexxa mill-ewwel u ħa l-passi kollha meħtieġa sabiex is-sentenza tal-Qorti tiġi eżegwita. M'hemmx dubju li l-Ewwel Qorti ma qalet xejn barra minn loku meta tenniet li l-appellant għandu tort u jaħti għall-ispejjeż li jgħid li ħallas wara l-mewt ta' Edmea Pace.

37. Legalment ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellant milli jipproċedi. Huwa jgħid li din il-Qorti ma tistax tlumu jekk wara li l-appelli ta' Edmea Pace ġew dikjarati deżerti huwa pprova jasal magħha bil-kelma t-tajba. Bla dubju, l-appellant kien liberu li jagħmel dan, iżda ma jistax imbagħad snin wara jippretendi li għal din id-deċiżjoni li ħa jdur fuq l-eredità ġjaċenti tal-mejta Edmea Pace sabiex tagħmel tajjeb għal deċiżjoni tiegħu li maż-żmien irriżultat li ma kinitx waħda daqstant għaqlija.

38. X'aktarx li r-raġuni vera għalfejn l-appellant għażel li ma jieħux il-passi biex il-kuntratt jiġi ppubblikat kienet li huwa kien jaf li biex Edmea Pace toħroġ mir-residenza tagħha (li huwa kien se jikseb permezz tal-

permuta) kien se jkollu jippreżenta proċeduri oħra billi hija riedet tibqa' fid-dar sal-mewt tagħha. Kien l-appellant innifsu li qal li Pace ħadet dak li riedet għaliex baqgħet fir-residenza tagħha sakemm mietet.

39. L-appellant iġib l-iskuża wkoll li huwa ma fittix li jeżegwixxi s-sentenza favurih minħabba li Edmea Pace baqgħet tippreżenta rikorsi quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha minkejja li l-appelli ġew dikjarati deżerti. Din il-Qorti xorta ma tqisx li din kienet raġuni tajba. Kellu biżżejjed żmien anke bejn rikors u ieħor li jmexxi. Ħalla snin jgħaddu sakemm imbagħad l-istess Edmea Pace mietet u b'konsegwenza ta' dan kellu jmexxi b'rikors.

40. Għaldaqstant jekk jista' jitqies li l-attur ġarrab xi danni (li huwa semma konsistenti fi spejjeż u drittijiet extra ġudizzjarji; taxxa fuq il-valur miżjud fuq dawn l-ammonti; spejjeż u drittijiet imħallsa lill-kuraturi deputati; kontijiet tad-dawl u ilma pendenti taż-żewġ proprjetajiet; spejjeż u drittijiet tan-nutar li ppubblikat il-kuntratt u dawk tal-kuratriċi; u ħlasijiet lill-avukat tiegħu fost oħrajn) huwa ma ppruvax in-ness ta' kawżalità bejn l-imġiba ta' Pace u d-danni li huwa jgħid li ġarrab.

41. Għalhekk l-ewwel aggravju mhux siewi u qiegħed jiġi miċħud.

42. Illi t-tieni aggravju huwa dwar il-likwidazzjoni tad-danni u

għaldaqstant huwa konsegwenzjali għall-ewwel aggravju. Din il-Qorti tista' tieqaf hawn ladarba ċaħdet l-ewwel aggravju.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-attur Edward Pavia u tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss